MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2011

Avviz Numru. 456/2010

**Emanuel Aquilina**
**Vs**
**L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (Transport Malta)**

**Wara l-ittra ufficjali datata 17 ta' Settembru 2010 prezentata mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (Transport Malta) kontra Emanuel Aquilina**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Emanuel Aquilina nhar id-29 ta' Ottubru 2010 fejn ippremetta s-segwenti:-

"*Illi l-esponenti qed jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti b'konsegwenza tal-ittra ufficcjali ta' l-Awtorita intimata tas-17 ta' Settembru 2010 ai termini ta' l-artikolu 57 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta (kopja ta' l-imsemmija ittra ufficcjali tinsab esebita hawn annessa Dok. A).*

*Illi l-esponent kien partat il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAA 969 ma' certu Emanuel Gatt, dak iz-zmien dealer tal-karozzi u dan sa minn qabel skadiet l-ahhar licenzja mhallsa u cioe' minn qabel l-1 ta Ottubru 2002.*

*Illi jidher li l-imsemmi Emanuel Gatt qatt ma ghamel it-trasferiment tal-karozza fuq ismu, u dan minkejja li d-dokumenti relattivi sabiex isir dan it-trasferiment gew debitament iffirmati mill-esponent. Illi in oltre meta l-esponent staqsa lil Gatt x'kien sar mill-vettura imsemmija, Gatt infurmah li l-karozza kienet giet skrappjata.*
*Illi l-esponent ma rcieva l-ebda avviz qabel l-ittra ufficcjali fuq imsemmija li kien hemm xi nuqqasijiet fil-konfront tal-vettura imsemmija, ghalhekk l-esponenti ma kellux mezz li jkun jaf li kienu jezistu xi rregolaritajiet.*
*Illi l-esponent ghalhekk mhux responsabbli ghall-hlasijiet mitluba u ai termini tal-Artikolu 57 (3) et seq tal-kap. 65 l-esponent qed jopponi li l-ittra ufficcjali de quo tas-17 ta' Settembru 2010 tigi reza titolu esekuttiv."*
u konsegwentement ghalhekk talab lil din il-Qorti:
*"Tiddikjara li l-esponenti m'huwiex responsabbli ghall-hlas tad-drittijiet tal-licenzja tal-Awtorita' intimata fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAA 969 mill-1 ta' Ottubru 2002 sa llum stante li tali vettura ilha scrapped sa minn qabel skadiet l-ahhar licenjza mhallsa u cioe mill-1 ta' Ottubru 2002.*
*Bl-ispejjez kontra l-Awtorita' intimata."*

Rat id-digriet taghha ta' l-1 ta' Novembru 2010 fejn appuntat dan ir-rikors ghas-smiegh ghas-7 ta' Dicembru 2010 b'dan illi l-intimat ghandu jiprezenta r-risposta tieghu fi zmien hmistax-il jum mid-data tan-notifika.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta ghar-rikors imressaq mir-rikorrenti, pprezentata nhar it-12 ta' Novembru 2010 fejn esponiet is-segwenti:-

1. "*Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti irid jipprova l-allegazzjonijiet maghmula minnu fir-rikors tieghu*.
2. *Fit-tieni lok, u fil-mertu jinghad li, mill-file mizmum mill-Awtorita' intimate, ma jirrizultax li r-rikorrenti ta lill-istess Awtorita' ntimata l-avviz rikjest mil-ligi, kif lanqas ma pprezenta l-licenzja sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanjzali tat-trasferiment/bejgh maghmul. Ir-rikorrenti kien obbligat li jaghmel dan ( Ara ad exemplum art 26 tal-kap 65).*

3. *Illi ghalhekk galadarba ma hemm xejn minn dan kollu, u galadarba l-Awtorita' intimata ma inghatatx l-avviz rikjest mil-ligi, w galadarba ukoll ma gietx pprezentata l-licenzja lill-Awtorita' sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanjzali, ir-rikorrenti huwa obbligat li jhallas dak dovut skond il-ligi.*

Konsegwentement l-Awtorita' talbet lil din l-Onorabbli Qorti " *sabiex in vista tal-premess u ghal ragunijiet ohra li jistghu jingiebu quddiemha, tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Semghet lir-rikorrenti **Emanuel Aquilina** jghid li huwa kien partat il-vettura IAA-969 ma' certu Emanuel Gatt li kien dealer u dan fis-sena 1998. Jghid li huwa kien iffirma l-parti tieghu tal-log-book sabiex isir it-transfer u spjega li dan kellu jkun tpartit ma' vettura Fiesta, u huwa ffirma fuq il-parti tal-log-book li kien fil-pusess ta' dan Emanuel Gatt. Huwa kompla bit-transfer tal-vettura Fiesta u llum din tinsab registrata f'ismu. Pero' fir-rigward tal-vettura li huwa ta in kontro kambju, kien Gatt li kellu jiehu hsieb, u minn dakinhar 'l hawn ma rcieva xejn aktar sabiex isir it-transfer. Mistoqsi x'sar minnha l-vettura, jghid li ma jafx, u jikkonferma li dan in-negozju kien sar fis-sena 1998. Mistoqsi jekk kienx mar ghand l-Awtorita' jghid li ma marx, u dan ghaliex kien haseb li t-transfer kien sehh.

Mill-provi prodotti jirrizulta bic-car li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAA 969 tghajjat lir-rikorrenti w ilha hekk registrata f'isimha mal-Awtorita' sa mis-sena 2002, u dan kif stqarr l-istess rikorrenti kemm fix-xhieda tieghu kif ukoll fir-rikors promotur li ipprezenta. Illi r-rikorrenti jghid li huwa kien taht l-impressjoni li kellu jkun Emmanuel Gatt li kellu jiehu hsieb it-transfer taghha w dan ghaliex huwa kien ha hsieb li jaghmel it-transfer tal-vettura li kien akkwista flokha minghand dan l-istess Gatt. Illi l-awtorita' ntimata fir-risposta taghha, li mhix michuda mir-rikorrenti, tghid li minn ezami tal-file mizmum mill-Awtorita' ma jirrizultax li r-rikorrent ta lill-istess Awtorita' ntimata l-avviz rikjest mil-ligi, kif lanqas ma pprezenta l-licenzja sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanjzali tat-

trasferiment/bejgh maghmul. Ghalhekk sa llum din il-vettura ghadha tghajjat lir-rikorrent.
Issa skond l-**Artikolu 26 tal-Kap 65** tal-Ligijiet ta' Malta:
*"Kull persuna imsemmija fuq il-licenzja bhala s-sid jew bhala wiehed mis-sidien, li tkun bieghet jew xort'ohra ttrasferiet il-jedd taghha fuq il-vettura li ghaliha tkun tirriferixxi l-licenzja, ghandha taghti avviz lill-Awtorità ta' dak il-bejgh jew trasferiment, u ghandha fl-istess hin tipprezenta l-licenzja sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgh jew tat-trasferiment; u jekk dak l-avviz ma jigix moghti u l-licenzja ma tigixipprezentata, dik il-persuna, ghad li jkun sar dak il-bejgh jew trasferiment, tibqa' suggetta ghad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza bhala sid jew wiehed mis-sidien tal-vettura."*

Illi ghalhekk stante li r-rikorrent ghandu f'ismu l-licenzja tal-vettura, dan ifisser li huwa r-*registered owner* taghha mat-Transport Malta, w ghalhekk jibqa' responsabbli ghaliha peress li mal-Awtorita' ma jkun ittrasferixxa l-ebda jedd tieghu.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-**Artikolu 57 (1) tal-Kap 65** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-
*"Sid ta' vettura bil-mutur li jonqos li jgedded il-licenzja relattiva ghall-imsemmija vettura bil-mutur, bla hsara ghar-responsabbiltà tieghu ghal piena kriminali taht din l-Ordinanza jew taht xi ligi ohra, ghandu jkun ukoll, u ghandu jitqies li dejjem kien, responsabbli civilment lejn l-Awtorità ghall-hlas ta' l-ammont dovut ghad-dritt tal-licenzja rilevanti."*

Illi ghalhekk skond dan l-artikolu tal-ligi sid il-vettura, li f'dan il-kaz huwa r-rikorrent stante li huwa r-*registered owner*, huwa responsabbli civilment ghall-hlas ta' licenzji w ghalhekk ghandu jinzamm responsabbli ghal dan in-nuqqas tieghu.

Il-Qorti tirrileva li dan ir-rikors sar mir-rikorrent u ghalhekk kien jispetta lill-istess rikorrent jipprova li huwa ghamel dak kollu mistenni minnu sabiex jesimi ruhu minn kull responsabilita' – haga li fil-fehma tal-Qorti m'ghamilx.

Ghaliex ghalkemm il-vettura in d'esamina setghet verament giet trasferita lil terz, xorta r-rikorrent kellu l-obbligu li jinforma lill-Awtorita' dwar dan il-bejgh/kambju sabiex jirregola ruhu maghha w b'hekk il-licenzji b'lura ma kinux ikunu dovuti.  Ir-rikorrent seta' almenu kiteb lill-Awtorita' w informaha lil min biegh il-vettura, sabiex b'hekk l-istess Awtorita' kienet anke tiehu pasi kriminali kontra l-persuna, sa llum sa certu punt injota, sabiex isir it-transfer relattiv.

**Ghalhekk in vista tas-suespost, din il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet rikorrenti w tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita' ntimata, b'dan illi tordna li l-ittra ufficcjali numru 3758/10 tigi reza ezekuttiva ai termini tal-Artikolu 57 (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri huma a karigu tar-rikorrent.**

**L-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data meta l-ittra ufficcjali fuq imsemmija 3758/10 datata 17 ta' Settembru 2010 giet notifikata lir-rikorrent**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------